MALTA

ATT Nru. XXVI ta' l-1989

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jipprovdi għat-twaqqif tas-sistema ta' Portijiet Ħielsa f'Malta u biex jirregola l-operazzjoni tagħha.

ACT No. XXVI of 1989

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to provide for the establishment of a Freeport system in Malta and to regulate its operation.

ATT TA' L-1989 DWAR IL-PORTIJIET ĦIELSA TA' MALTA

Arranġament ta' l-Artikoli

TAQSIMA I

Preliminari

Artikolu

1. Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ
2. Tifsir.

TAQSIMA II

Portijiet Ħielsa

3. Dikjarazzjoni ta' Portijiet Ħielsa
4. Eżenzjoni minn ċerta leġislazzjoni.

TAQSIMA III

Awtorità dwar Portijiet Ħielsa

5. Awtorità dwar Portijiet Ħielsa
6. Setgħat ta' l-Awtorità
7. Ftehim li l-Awtorità tidħol fihom
8. Provdiment ta' strutturi industrijali, eċċ.
9. Provdiment ta' servizzi
10. Ċertifikati ta' oriġini u ta' assenza ta' manipulazzjoni.

TAQSIMA IV

Kumpanniji b'Liċenza

11. Kumpanniji b'liċenza
12. Kumpannija ma tibqax tkun kumpannija b'liċenza minħabba f'attivitajiet illegali
13. Merkanzija f'Portijiet Ħielsa
14. Operazzjonijiet riservati f'Portijiet Ħielsa
15. Ċertifikati u drittijiet.

TAQSIMA V

Reġim Fiskali

16. Eżenzjoni mil-liġijiet dwar id-dazju tad-dwana u tas-sisa
17. Protezzjoni għad-dazji tad-dwana u tas-sisa
18. Eżenzjoni mit-taxxa fuq l-*income*
19. Dividendi ħielsa mit-taxxa
20. Eżenzjoni mit-taxxi tal-boll
21. Eżenzjoni mill-kontroll fuq il-kambju
22. Impjegati barranin
23. Eżenzjoni mit-taxxa tal-mewt u tad-donazzjoni
24. Regola ġenerali dwar eżenzjonijiet.

TAQSIMA VI

Arranġamenti Amministrattivi

25. *Records* u ċertifikar
26. Informazzjoni meħtieġa mill-Awtorità
27. Garanzija ta' eżenzjonijiet u benefiċċji
28. Revoka minħabba f'nuqqas ta' tħaris
29. Proċedura dwar kwistjonijiet
30. Setgħa biex isiru regolamenti.

TAQSIMA VII

Reati u Pieni

31. Piena għal dikjarazzjonijiet eċċ. li ma jkunux korretti
32. Dispożizzjoni dwar frodi eċċ.
33. Piena ġenerali
34. Dispożizzjoni dwar reati
35. Preskrizzjoni għal proċedimenti.

SKEDA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

4 ta' Awissu, 1989

ATT Nru. XXVI ta' l-1989

ATT biex jipprovdi għat-twaqqif ta' sistema ta' Portijiet Ħielsa f'Malta u biex jirregola l-operazzjoni tagħha.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

TAQSIMA I

Preliminari

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1989 dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, ħlief għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, għandhom jibdew iseħħu f'dik id-data li l-Prim Ministru jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti u għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Tifsir.

2. (1) F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"*accountant* u uditur pubbliku ċertifikat" tfisser individwu li għandu *warrant* biex jaġixxi f'din il-kapaċità, maħruġ taħt l-Att ta' l-1979 dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*, jew soċjetà ta' individwi bħal dawk reġistrata taħt l-imsemmi Att; Att XXVIII ta' l-1979.

"Awtorità" tfisser l-Awtorità dwar il-Portijiet Ħielsa kostitwita taħt l-artikolu 5 ta' dan l-Att;

Att XXV ta' l-1976.

"dazju tad-dwana" tfisser id-dazju mitlub jew li għandu jitħallas taħt l-Att ta' l-1976 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni;

"Kontrullur" tfisser il-Kontrullur tad-Dwana u tinkludi kull persuna oħra li jkollha s-setgħa espressa jew impliċita li tagħmel flok il-Kontrullur hawn fuq imsemmi fl-esekuzzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

"korp ta' persuni" tfisser kull soċjetà, għaqda, xirka jew assoċjazzjoni oħra ta' persuni, sew jekk ikollhom personalità legali sew jekk le;

"kumpannija" tfisser soċjetà anonima kostitwita taħt il-liġijiet ta' Malta u li ma toħroġx azzjonijiet għall-portatur;

"kumpannija b'liċenza" tfisser kumpannija mogħtija liċenza mill-Awtorità biex topera ġewwa Port Ħieles taħt l-artikolu 11 ta' dan l-Att;

"liġijiet tas-sisa" tfisser:

Kap. 72.

l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa fuq il-Birra;

Kap. 166.

l-Ordinanza dwar Dazju tas-Sisa fuq *Crown Corks* u Konċentrati Mhux-alkoholiki;

Kap. 57.

l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa fuq is-Sigarretti maħdumin bil-Makna; u

Att XIII ta' l-1982.

l-Att ta' l-1982 dwar Dazju tas-Sisa fuq Riċevituri tat-Televiżjoni bil-Kulur.

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Portijiet Ħielsa;

"persuna" tinkludi korp ta' persuni;

"Port Ħieles" tfisser kull *area* f'Malta kompriża f'żona ta' Port Ħieles skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att;

"preskritt" tfisser preskritt b'regolamenti magħmulin taħt dan l-Att;

Kap. 123.

"taxxa fuq l-*income*" tfisser it-taxxa mitluba jew li għandha titħallas taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

(2) Kull riferenza f'dan l-Att għal xi liġi jew dispożizzjoni tagħha għandha tiftiehem bħala riferenza għal dik il-liġi jew dispożizzjoni li tkun fis-seħħ minn żmien għal ieħor u għandha tinkludi riferenza għal kull liġi li tissostitwixxi dik il-liġi jew dispożizzjoni (magħduda l-impożizzjoni ta' kull taxxi, jkunu xi jkunu, li jkunu analogi ma' jew f'sostituzzjoni għal dawk li jinsabu f'dawk il-liġijiet jew dispożizzjonijiet) u għal kull leġislazzjoni sussidjarja magħmula taħtha.

(3) Kliem u espressjonijiet użati f'dan l-Att b'riferenza għal xi liġi oħra, għandhom, safejn ikun meħtieġ biex jagħtu effett lil dan l-Att, u konsistentement mad-dispożizzjonijiet tiegħu, ikollhom l-istess tifsir bħalma għandhom fil-liġi li b'riferenza għaliha huma wżati f'dan l-Att.

(4) Kull riferenza f'dan l-Att għal reat kriminali kommess barra minn Malta, jew kontra l-liġi ta' pajjiż ieħor li ma jkunx Malta, jew għal xi att li jekk ikun magħmul f'Malta jkun reat kriminali kontra l-liġi ta' Malta' għandha tiftiehem bħala limitata għal reati li jkunu reati ta' estradizzjoni għall-finijiet ta' l-artikolu 5 ta' l-Att ta' l-1978 dwar l-Estradizzjoni. Att XVIII ta' l-1978.

(5) F'dan l-Att, u f'kull regolament magħmul taħtu, jekk ikun hemm konflitt bejn it-test Ingliż u t-test Malti, għandu jipprevali t-test Ingliż.

TAQSIMA II

Portijiet Ħielsa

3. (1) L-arei ta' Malta kif murija fil-pjanta transunta mis-Segretarju Ġenerali tal-Gvern ta' Malta, fl-atti tan-Nutar Prinċipali tal-Gvern, Dr. Franco Pellegrini, tal-25 ta' April, 1989, għandhom, għall-finijiet u skopijiet kollha ta' dan l-Att u ta' kull liġi oħra, jikkostitwixxu żoni ta' Port Ħieles. L-imsemmija arei huma indikati fil-pjanta li tinsab fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att. Dikjarazzjoni ta' Portijiet Ħielsa.

(2) Il-Prim Ministru jista', b'Ordni approvat b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati, u ppubblikata fil-Gazzetta, jemenda l-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 27 ta' dan l-Att għandhom japplikaw għal kull emenda ta' l-Iskeda li biha xi *area* bħal dik jew parti minnha ma tibqax tkun żona ta' Port Ħieles.

Iżda wkoll ebda art ma għandha tiġi nkluża f'Port Ħieles kemm-il darba dik l-art ma tkunx, minnufih qabel l-inklużjoni tagħha, miżmuma mill-Gvern taħt titolu ta' proprjetà assoluta, jew tkun għaddejja mill-proċess ta' akkwist mill-Gvern taħt dak it-titolu skond l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi; u fil-każ ta' l-aħħar id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 32 ta' l-imsemmija Ordinanza ma għandhomx japplikaw: Kap. 88.

Iżda wkoll, meta art tkun ġiet inkluża f'żona ta' Port Ħieles kif imsemmi qabel, din għandha tkun vestita fl-Awtorità bis-saħħa ta' dan l-Att mingħajr il-ħtieġa ta' xi formalità oħra taħt l-istess titolu li taħtu kienet miżmuma mill-Gvern, u fejn l-art tkun għadha fil-proċess ta' akkwist kif imsemmi qabel, l-akkwist jitkompla mill-Gvern u ma' l-akkwist tagħha tiġi vestita fl-Awtorità bis-saħħa ta' dan l-Att mingħajr il-ħtieġa ta' xi formalità oħra.

4. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern ma għandhomx japplikaw għal xi art kif definita fl-artikolu 2 ta' l-imsemmi Att meta dik l-art tkun sitwata ġewwa Port Ħieles. Eżenzjoni minn ċerta leġislazzjoni. Att XXXIII ta' l-1976.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1980 li Jirregola l-Ġarr ta' Merkanzija bil-Baħar ma għandhomx japplikaw għal merkanzija maħtuta jew mgħobbija f'Port Ħieles. Att II ta' l-1980.

TAQSIMA III

Awtorità dwar Portijiet Ħielsa

Awtorità dwar Portijiet Ħielsa. Kap. 168.

5. (1) Il-*Malta Freeport Corporation Limited,* Kumpannija b'responsabbiltà limitata (Nru. C9353) reġistrata taħt l-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali fil-25 ta' Jannar, 1988, għandha titqies li ġiet kostitwita taħt dan l-Att u għandha tikkostitwixxi l-Awtorità dwar Portijiet Ħielsa, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsejħa "l-Awtorità".

(2) Id-drittijiet u l-obbligi ikunu xi jkunu ta' l-imsemmija *Malta Freeport Corporation Limited* imwaqqfa u reġistrata taħt l-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali kif imsemmi qabel, u kull ħaġa magħmula mill-imsemmija kumpannija għandhom, wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu, jitqiesu li huma drittijiet u obbligi ta', u ħwejjeġ magħmula minn, l-Awtorità.

(3) L-Awtorità jkollha d-dmir u l-funzjoni li:

(a) tamministra l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Portijiet Ħielsa bil-għan li ġġib 'il quddiem l-iżvilupp ekonomiku ta' Malta billi tinkoraġixxi t-twaqqif ta' intrapriżi industrijali u ekonomiċi fihom;

(b) li tikkoordina mall-Ministeri u d-Dipartimenti tal-Gvern kollha kif ukoll mall-korpijiet u awtoritajiet l-oħra kollha stabbiliti b'liġi fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 6 ta' dan l-Att;

(ċ) tagħti parir lill-Gvern dwar kull materja li jkollha x'taqsam ma' Portijiet Ħielsa;

(d) li tagħmel dawk l-atti l-oħra kollha li jistgħu ikunu meħtieġa jew li jwasslu għall-ksib ta' xi whud minn jew l-għanijiet kollha msemmija.

(4) Bla ħsara għall-ġeneralità tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, il-Ministru jista' jagħti lill-Awtorità dawk is-setgħat ta' sorveljanza u setgħat eżekuttivi, u jista' jimponi fuq l-Awtorità dawk il-kondizzjonijiet, obbligi u restrizzjonijiet skond kif ikun jidhirlu meħtieġ għat-twaqqif, żvilupp, manutenzjoni, operazzjoni, direzzjoni, kontroll u priservazzjoni ta' Portijiet Ħielsa b'mod sewwa u li jrendi.

(5) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, l-Awtorità għandha tkompli tkun regolata mill-Memorandum u l-Istatut ta' Assoċjazzjoni tagħha, u mill-Ordinanza dwar is-Soċjetajiet Kummerċjali, b'mod iżda illi:

(a) l-Awtorità ma tiġix xolta jew magħquda b'fużjoni ma' kumpannija oħra;

(b) l-Awtorità ma għandhiex tibdel il-Memorandum jew l-Istatut ta' Assoċjazzjoni tagħha, kemm-il darba dak it-tibdil ma jiġix l-ewwel approvat b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati; u

(ċ) ebda azzjoni fl-Awtorità ma għandha tiġi allokata ħlief lill-membri preżenti tal-kumpannija, u ebda tibdil fil-proprjetà ta' azzjonijiet fl-Awtorità li jagħtu d-dritt għall-votazzjoni f'laqgħa ġenerali jew li xort'oħra jaħtru diretturi ma għandu jsir kemm-il darba dik l-allokazzjoni jew dak it-tibdil ma jkunx awtorizzat b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

(6) L-Awtorità għandha kull sena tippubblika fil-Gazzetta u f'żewġ gazzetti li joħorġu ta' kuljum f'Malta l-Kont ta' Qliegħ u Telf u l-Karta tal-Bilanċ, verifikati minn *accountant* u uditur pubbliku ċertifikat, flimkien man-noti kollha għalihom, sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-data ta' l-*accounting* tagħha. Dak ir-rapport għandu, flimkien ma' kopja ta' rapport tal-Bord tad-Diretturi ta' l-Awtorità, jitqiegħed mill-Ministru fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati mhux aktar tard minn xahrejn wara li jsiru; b'dana illi jekk il-Kamra ma tkunx qed tiltaqa' fiż-żmien meta jagħlqu dawk x-xahrejn, dawn għandhom jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra mhux aktar tard minn ġimgħa wara li terġa' tiltaqa'.

(7) L-Awtorità għandha tagħti lill-Ministru l-faċilitajiet kollha biex jikseb informazzjoni dwar il-proprjetà u l-attivitajiet tagħha, u għandha tipprovdih bi prospetti, kontijiet u informazzjoni oħra dwar dik il-proprjetà u dawk l-attivitajiet, u tagħtih faċilitajiet għall-verifika ta' l-informazzjoni hekk fornuta b'dak il-mod u f'dawk iż-żminijiet li l-Ministru jista' jitlob.

(8) Il-Ministru jista' wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità, jagħti lill-Awtorità direttivi ta' karattru ġenerali li ma jkunux inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, u l-Awtorità għandha tagħti effett lil kull direttiva bħal dik.

Setgħat ta' l-Awtorità.

6. (1) Bla ħsara għall-ġeneralità tas-setgħat mogħtija lill-Awtorità b'dan l-Att, l-Awtorità tista':

(a) tagħmel dawk l-atti kollha li jistgħu ikunu meħtieġa jew li jistgħu jwasslu għall-ksib ta' l-għanijiet, dmirijiet u obbligi ta' l-Awtorità;

(b) tidħol fi ftehim ma' kumpanniji li jkunu qed ifittxu li tingħatalhom liċenza biex joperaw f'Port Ħieles;

(ċ) talloka arei, spazji, fabbriki, mollijiet, u kull faċilità jew struttura oħra li jistgħu ikunu disponibbli f'Port Ħieles b'dawk il-kondizzjonijiet li l-Awtorità tistabbilixxi bħala xierqa: iżda l-Awtorità ma' tistax b'titolu ta' bejgħ jew b'titolu ieħor simili titrasferixxi xi proprjetà immobbli li tkun ġewwa Port Ħieles;

(d) teżerċita, taqdi u twettaq dawk is-setgħat, dmirijiet u funzjonijiet kollha li jkunu b'dan l-Att jew taħt dan l-Att vestiti fl-Awtorità jew assenjati jew delegati lill-Awtorità;

(e) tistabbilixxi l-kera, ħlasijiet, drittijiet u imposti oħra li għandhom jitħallsu f'Port Ħieles jew f'konnessjoni ma' xi aspett ta' Port Ħieles jew tas-servizzi u faċilitajiet offruti taħtu;

(f) b'avviż fil-Gazzetta, tagħmel regoli għall-kontroll u d-direzzjoni ta' Port Ħieles u l-attivitajiet kollha mmexxija fih jew li jkollhom x'jaqsmu miegħu;

(ġ) tagħmel dawk l-atti l-oħra kollha li jkun inċidentali jew konsegwenzjali għall-eżerċizzju, qadi u twettieq tas-setgħat, dmirijiet u funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att.

(2) L-Awtorità għandha, minkejja kull liġi oħra iżda bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, tkun iċ-ċentru u l-mezz li fih u bih il-Ministeri u d-Dipartimenti tal-Gvern kollha u l-korpi jew awtoritajiet l-oħra kollha stabbiliti b'liġi għandhom jaġixxu fil-materji kollha għar-rigward tal-Portijiet Ħielsa kollha u l-attivitajiet kollha konnessi magħhom, u għar-rigward ta' kumpanniji li jkollhom liċenza, jew li jkunu qed ifittxu li tinħarġilhom liċenza mill-Awtorità, u bħala ċ-ċentru u l-mezz li bih kull kumpannija bħal dik għandha tapplika għal u tikseb xi permess, liċenza jew awtorizzazzjoni oħra, jew kull ħaġa oħra li tkun teħtieġ, u li bih għandha tikkomunika ma' kull awtorità ħawn fuq imsemmija;

Iżda dan is-subartikolu ma għandhux jiftiehem li jfisser illi xi investigazzjoni, spezzjon jew att simili ieħor li xi awtorità bħal dik tista' tqis li jkun meħtieġ li jsir u kull informazzjoni li dik l-awtorità tista' teħtieġ, għall-finijiet ta' xi waħda mill-funzjonijiet taħt il-liġi, għar-rigward ta' kumpannija b'liċenza, għandha ssir jew tinkiseb mill-Awtorità.

Iżda wkoll dan is-subartikolu ma għandux jiftiehem li jnaqqas mis-setgħat u d-dmirijiet ta' xi Ministeru, Dipartiment tal-Gvern jew ta' xi korp jew awtorità oħra stabbilita b'liġi għar-rigward ta' materji li għandhom x'jaqsmu ma' difiża, ordni pubbliku jew saħħa.

(3) L-Awtorità jkollha d-dmir li tmexxi l-funzjonijiet mogħtija lilha bis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu mingħajr dewmien u b'mod effiċjenti; u jkun id-dmir partikolari tagħha li tassigura li kull att jew ħaġa li jkunu jridu jsiru bis-saħħa tas-subartikolu fuq imsemmi jsiru għas-sodisfazzjon tal-Ministeru, Dipartiment, korp jew awtorità oħra li għalihom tkun mitluba taġixxi.

Ftehim li tidħol fihom l-Awtorità.

7. Kull ftehim li l-Awtorità tidħol fih skond il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 6 ta' dan l-Att għandu jsir bil-miktub, u kull ftehim bħal dak ikun jikkostitwixxi kuntratt li jorbot għall-finijiet ta' l-artikolu 27 ta' dan l-Att.

Provdiment ta' strutturi industrijali, eċċ.

8. (1) Meta l-Awtorità tkun sodisfatta li fil-każ ta' kumpannija b'liċenza biex topera f'Port Ħieles hija tkun konsistenti mal-miri u l-għanijiet tal-*policy* li taħtha l-Port Ħieles kien ikun ġie kostitwit, l-Awtorità tista' tipprovdi għall-kumpannija bini industrijali, strutturi u art fil-Port Ħieles magħduda, taħt dawk il-kondizzjonijiet li jiġu miftiehma, bini industrijali u strutturi mibnija jew olterati skond il-ħtiġiet tal-Kumpannija relattiva:

Iżda proprjetà immobbli f'Port Ħieles ma għandhiex tiġi trasferita lil kumpannija b'liċenza taħt xi titolu għal żmien li jkun itwal miż-żmien tal-liċenza, oriġinali jew imtawla, tal-kumpannija li lilha tiġi hekk trasferita u li t-titolu li taħtu tiġi trasferita xi proprjetà immobbli bħal dik għandu jittermina awtomatikament mat-terminazzjoni tal-liċenza tal-kumpannija li lilha tkun hekk trasferita.

(2) Il-bini industrijali u strutturi maħsuba fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom jinkludu b'mod partikolari fabbriki, imħażen (sew jekk ikunu refriġerati sew jekk le), arei ta' magazzinaġġ, tined, tankijiet, *pipelines* u dak it-tagħmir kummerċjali u industrijali li jista' jkun meħtieġ.

(3) L-Awtorità għandha wkoll tipprovdi dik il-proprjetà immobbli f'Port Ħieles taħt dawk il-kundizzjonijiet skond kif ikun jixraq għall-finijiet ta' l-artikolu 9 ta' dan l-Att.

Provdiment ta' servizzi.

9. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet applikabbli, jekk ikun hemm, ikun id-dmir ta' l-Awtorità li tassigura li kull Port Ħieles ikun provdut b'dawn is-servizzi li ġejjin, jiġifieri:

(a) provvista ta' kurrent elettriku;

(b) ilma tax-xorb u ilma ieħor;

(ċ) servizzi postali;

(d) telekomunikazzjonijiet;

(e) servizzi bankarji u ta' assigurazzjoni;

(f) servizzi tat-tifi tan-nar;

(ġ) arranġamenti għad-disponiment mill-iskart;

(ħ) sistemi adegwati ta' toroq;

(i) mollijiet, bankini u strutturi simili oħra;

(j) trasport għall-merkanzija u għall-passiġġieri għal u mill-Port Ħieles;

(k) sistemi ta' sigurtà, magħduda dwal pubbliċi adegwati.

(2) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha titqies li timpedixxi lill-Awtorità milli tipprokura l-provdiment ta' dawk is-servizzi l-oħra li jistgħu ikunu meħtieġa għat-tmexxija sewwa ta' xi Port Ħieles, jew li teżoneraha mid-dmir tagħha li tipprokura l-provdiment tagħhom.

Ċertifikati ta' oriġini u ta' assenza ta' manipulazzjoni.

10. (1) L-Awtorità tista', wara li tikkunsidra t-trasformazzjoni sostanzjali li tkun saret fl-identità ta' merkanzija jew oġġetti u l-valur miżjud permezz ta' xi proċessar jew operazzjoni oħra li ssir f'Port Ħieles, toħroġ ċertifikat li jindika li Malta tkun il-pajjiż ta' oriġini ta' kull merkanzija jew oġġetti bħal dawk.

(2)L-Awtorità tista', meta tkun hekk sodisfatta, toħroġ ċertifikat fis-sens illi xi merkanzija jew oġġetti li jkunu ġew trasbordati minn ġo Port Ħieles ma jkunux ġew manipulati fil-Port Ħieles b'mod li tinbidel l-identità tagħhom.

(3) Ebda persuna ma tkun tista', kemm-il darba ma tkunx l-ewwel kisbet ċertifikat mill-Awtorità skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, tindika b'xi mod li:—

(a) merkanzija jew oġġetti li jkunu ġew mgħoddija minn xi proċess jew trasformazzjoni oħra tkun li tkun f'Port Ħieles ikollhom Malta bħala l-oriġini tagħhom;

jew li

(b) xi merkanzija jew oġġetti trasbordati minn ġo Port Ħieles ma jkunux ġew manipulati fil-Port Ħieles.

TAQSIMA IV

Kumpanniji b'Liċenza

Kumpanniji b'liċenza.

11. (1) L-Awtorità tista' tagħti liċenzi lil kumpanniji biex f'Port Ħieles imexxu kummerċ jew negozju li prinċipalment ikun:

(a) it-tikkettjar, l-ippakkjar, l-għażil, id-dħul f'depożt, il-magazzinaġġ, l-esibizzjoni jew l-immuntar ta' xi oġġetti, materjal, merkanzija, tagħmir, impjant jew makkinarju; jew

(b) kull attività purament konnessa mat-tmexxija ta' Port Ħieles magħduda, iżda mhux limitata għal, ħatt u tagħbija, xogħol fuq il-moll, tħaddim ta' terminals u maniġġ ta' *containers*; jew

(ċ) l-għoti ta' servizzi li jkunu analogi jew komplimentari għall-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu,

u l-istatus bħala kumpannija b'liċenza ikun ippruvat bil-ħruġ ta' liċenza għal dan il-għan mill-Awtorità.

(2) Ebda kumpannija ma tingħata liċenza maħsuba b'dan l-Att kemm-il darba l-attivitajiet tagħha ma jkunux, fil-fehma ta' l-Awtorità, kollha kemm huma jew fil-biċċa l-kbira tagħhom immexxija jew eżerċitati ġewwa Port Ħieles.

(3) Għall-fini tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, dawn l-attivitajiet li ġejjin, immexxija jew eżerċitati 'l barra minn Port Ħieles minn kumpannija b'liċenza, ma għandhomx jitqiesu li jmorru kontra r-regola fih imniżżla:

(a) id-direzzjoni u l-amministrazzjoni ta' kumpannija, il-kummerċ, in-negozju jew proprjetà u ż-żamma tagħha;

(b) l-eżekuzzjoni ta' dokumenti, negozji, negozjati jew ftehim li jkollhom x'jaqsmu mall-kummerċ jew negozju tal-kumpannija;

(ċ) it-transitu ta' oġġetti jew merkanzija oħra għal u minn Port Ħieles.

(4) L-Awtorità jkollha l-jedd esklussiv li toħroġ liċenzi lil kumpanniji biex joperaw f'Port Ħieles. Il-liċenzi u l-benefiċċji li jkunu marbutin magħhom jingħataw biss lil kumpanniji li jmexxu attivitajiet li jġibu 'l quddiem l-għanijiet ta' Portijiet Ħielsa.

Kumpannija ma tibqax tkun kumpannija b'liċenza minħabba f'attivitajiet illegali.

12. (1) L-Awtorità għandha tħassar il-liċenza ta' kull kumpannija li tmexxi xi attività, jew ikollha xi *income* li jkun ġej lilha jew li taqla', li jkun jikkonsisti fi jew joriġina minn xi transazzjoni,

operazzjoni jew attività oħra li tkun reat kriminali kontra l-liġi ta' Malta, jew li tkun reat bħal dak jekk issir f'Malta, jew li tkun laqgħet għandha jew ikollha fil-pussess jew kontroll tagħha flus jew proprjetà oħra li l-fatt li tkun irċeviethom, il-proprjetà tagħhom, il-pussess jew kontroll tagħhom huwa, jew ikun, reat bħal dak.

(2) L-*income*, flus u l-proprjetà l-oħra kollha kif imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jkunu suġġetti għal qbid u jiġu konfiskati favur l-Awtorità u jsiru l-proprjetà assoluta tagħha:

Iżda kull persuna li tkun tixtieq tikkontesta dak il-qbid jew dik il-konfiska tista' tħarrek lill-Awtorità quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 73 ta' l-Ordinanza tad-Dwana għandhom japplikaw għal dik l-azzjoni, b'dana illi kull riferenza f'dak l-artikolu għall-Kontrullur u għall-Ordinanza għandha tinqara u tiftiehem bħala riferenza għall-Awtorità u għal dan l-Att, rispettivament.

Oġġetti f'Portijiet Ħielsa.

13. (1) Fil-ħruġ ta' liċenzi għal operazzjonijiet f'Port Ħieles, l-Awtorità għandha tassigura li Port Ħieles ikun miftuħ għall-oġġetti kollha, irrispettivament mix-xorta, kwantità, pajjiż ta' oriġini, konsenja jew destinazzjoni tagħhom; lanqas ma għandu jkun hemm xi limitu ta' żmien li matulu l-oġġetti jistgħu jinżammu f'Port Ħieles.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu:

(a) il-Gvern u l-Awtorità jkollhom is-setgħa li jimponu dawk il-projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet skond kif ikun jidhrilhom ġustifikat għal raġunijiet ta' moralità pubblika, ordni pubbliku jew sigurtà pubblika, il-protezzjoni tas-saħħa u l-ħajja tal-bniedem, ta' l-annimali u tal-pjanti, il-protezzjoni tat-teżori nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku, jew il-protezzjoni ta' proprjetà industrijali jew kummerċjali;

(b) l-Awtorità jkollha s-setgħa li titlob li oġġetti perikoluż jew li jistgħu jkunu ta' ħsara għal oħrajn jew li, għal xi raġuni tkun xi tkun, ikunu jinħtieġu faċilitajiet speċjali, jitqiegħdu f'postijiet mgħammra apposta biex jilqgħu dawk l-oġġetti.

Operazzjonijiet riservati f'Portijiet Ħielsa.

14. (1) L-Awtorità ma toħroġx liċenza lil xi kumpannija għall-finijiet ta' l-artikolu 11 ta' dan l-Att jekk il-kumpannija, fil-fehma ta' l-Awtorità, tkun qed teżerċita xi operazzjonijiet konnessi ma' spirti alkoħoliċi, prodotti tat-tabakk jew dawk l-oġġetti l-oħra li l-Awtorità tista' minn żmien għal żmien tistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, kemm-il darba l-operazzjonijiet relattivi ma jkunux immexxija minn manifattur konoxxut ta' l-oġġetti.

(2) L-Awtorità ma għandha tippermetti li tiġi utilizzata ebda parti minn Port Ħieles bħala maħżen ta' depożt għal skopijiet ta' dazju tad-dwana dwar oġġetti li jkunu ġew jew li jkunu se jiġu importati f'Malta iżda 'l barra minn Port Ħieles.

(3) L-Awtorità ma għandhiex toħroġ liċenza lil xi kumpannija kemm-il darba ma tkunx sodisfatta li dik il-kumpannija tkun qed tokkupa, taħt xi titolu validu bil-liġi, jew tkun qed titħalla tuża mill-Awtorità proprjetà immobbli f'Port Ħieles kemm waħedha jew flimkien ma' kumpanniji oħra b'liċenza.

(4) L-Awtorità tista' tippermetti kull persuna, tkun min tkun, li tidħol u topera f'Port Ħieles, ukoll jekk dik il-persuna, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx tista' tkun kumpannija b'liċenza għall-finijiet ta' l-artikolu 11 ta' dan l-Att jekk, fil-fehma ta' l-Awtorità —

(a) ikun utili, meħtieġ jew li jwassal għal żvilupp u ffunzjonar aħjar ta' Port Ħieles li dik il-persuna titħalla tidħol u topera f'dak il-Port Ħieles; jew

(b) permess u dħul kif intqal qabel ikunu meħtieġa skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 9 ta' dan l-Att.

Ċertifikati u drittijiet.

15. (1) L-Awtorità tista' minn żmien għal ieħor toħroġ ċertifikati skond kif ikun jidhrilha xieraq li juru li kumpannija, jew kumpannija li tkun qiegħda tiġi ffurmata, tkun, jew għad tkun, kumpannija b'liċenza skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, u dak iċ-ċertifikat ikun xhieda konklussiva għall-finijiet ta' l-artikolu 24 u għall-finijiet kollha ta' dan l-Att, u għall-materji kollha relatati, korollarji jew anċillari, illi dik il-kumpannija għandha, jew għad ikollha, dik il-liċenza.

(2) Ħlief jekk ma jiġix preskritt xort'oħra mill-Ministru fi jew wara l-ħames anniversarju ta' din il-liġi, dritt ta' Lm1,000 għall-ħruġ tal-liċenza għandu jitħallas lill-Awtorità minn kull kumpannija li lilha tkun inħarġet liċenza skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att; u minn hemm 'il quddiem jitħallas dritt annwali ta' l-istess ammont f'kull anniversarju ta' l-għoti tal-liċenza lill-kumpannija:

Iżda ebda bdil fid-dritt li jitħallas għal liċenza ma għandu jkollu effett qabel ma tgħaddi sena mill-pubblikazzjoni ta' dak il-bdil fil-Gazzetta.

TAQSIMA V

Reġim Fiskali

Eżenzjoni mit-taxxa tad-dwana u mil-liġijiet tas-sisa.

16. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, l-oġġetti kollha importati f'Port Ħieles minn kumpannija b'liċenza jew mill-Awtorità jkunu eżentati mit-taxxa tad-dwana:

Iżda:

(a) dawk l-oġġetti jiġu importati esklussivament għall-kostruzzjoni, bdil, rikostruzzjoni jew estensjoni ta' bini jew struttura industrijali ġewwa Port Ħieles jew għal xi estensjoni tiegħu, jew sabiex isiru tiswijiet f'dak il-bini industrijali jew struttura jew fl-estensjoni tagħhom, jew ikunu jikkonsistu f'tagħmir, *spare parts,* makkinarju jew impjant, li jkunu jinsabu

f'dak il-bini industrijali jew struttura jew f'estensjoni tagħhom, jew ikunu maħsuba għat-tqegħid ġdid ta' xi tagħmir, makkinarju jew impjant f'xi bini industrijali jew struttura bħal dawk jew f'estensjoni tagħhom, u fil-każijiet kollha għall-għanijiet ta' l-Awtorità jew tal-kummerċ jew negozju mmexxi jew li jkun maħsub li jitmexxa mill-kumpannija; jew

(b) dawk l-oġġetti jkunu materja prima, komponenti, prodotti intermedji, *by-products,* oġġetti mhux lesti għal kollox, jew oġġetti oħra importati għall-għanijiet li għalihom il-kumpannija tkun ingħatat liċenza mill-Awtorità skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) Kull kumpannija li timporta f'Port Ħieles xi oġġetti ħielsa mid-dazju tad-dwana skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, għandha:

(a) iżżomm *records* sewwa u suffiċjenti ta' l-oġġetti li hija hekk timporta; u

(b) tippermetti lill-Awtorità li fil-ħinijiet kollha raġonevoli tispezjona dawk ir-*records* u li jkollha aċċess għal kull post tal-kumpannija sabiex teżamina dawk l-oġġetti li hija tista' taħseb li jkunu qegħdin hemm ġew u sabiex tkun sodisfatta mill-eżatezza ta' dawk ir-*records*.

(3) Ebda oġġetti importati f'Port Ħieles mill-Awtorità jew minn kumpannija b'liċenza ħielsa mid-dazju tad-dwana skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma għandhom jinbiegħu, jingħataw jew xort'oħra jitneħħew ħlief lill-Awtorità jew kumpannija oħra b'liċenza ħlief:

(a) b'ri-esportazzjoni minn Malta, sew fl-istess stat ta' meta kienu ġew importati, sew xort'oħra, jew, suġġett għal dawk ir-restrizzjonijiet dwar l-importazzjoni li kienu japplikaw kieku dawk l-oġġetti kienu ġew importati minn barra minn Malta, bi trasferiment f'Malta 'l barra minn Port Ħieles wara l-ħlas tad-dazju tad-dwana skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu; jew

(b) fil-każ ta' bini industrijali jew struttura li għall-kostruzzjoni, bdil, rikostruzzjoni, estensjoni jew tagħmir tagħhom dak l-oġġett ikun ġie importat f'Port Ħieles lill-persuna li għaliha jkun inbena dak il-bini industrijali jew struttura; jew

(ċ) fil-każ ta' materjal, komponenti jew aċċessorji importati f'Port Ħieles għal xi għan imsemmi fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 11 ta' dan l-Att:

(i) jekk ikunu nkorporati fl-oġġetti jew kommoditajiet li dwarhom ikunu ġew importati; jew

(ii) bla ħsara għal dawk ir-restrizzjonijiet dwar l-importazzjoni li kienu jkunu japplikaw kieku dawk l-oġġetti kienu ġew importati minn barra minn Malta, bi trasferiment f'Malta 'l barra minn Port Ħieles wara l-ħlas ta' l-ammont ta' dazju tad-dwana li kien ikun irid jitħallas ma' l-importazzjoni ta' dak il-materjal jew ta' dawk il-komponenti ħlief għas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(4) Meta oġġetti importati f'Port Ħieles mill-Awtorità jew minn kumpannija b'liċenza ħielsa mid-dazju tad-dwana jinbiegħu, jiġu mogħtija jew xort'oħra jitneħħew lill-Awtorità jew lil kumpannija b'liċenza skond is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, dawk l-oġġetti allura għandhom, għall-finijiet ta' dan l-Att, jitqiesu li jkunu ġew importati mill-Awtorità jew mill-kumpannija li lilha jinbiegħu, jingħataw jew li xort'oħra jiġu mgħoddija lilha.

(5) Bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet u l-għoti ta' dik il-garanzija li huwa jista' jistabbilixxi, il-Kontrullur għandu:

(a) jippermetti li l-oġġetti kollha ddestinati għal Port Ħieles jiġu żbarkati f'Malta ħielsa mid-dazju tad-dwana: iżda fil-każi kollha, dawk l-oġġetti għandhom (kemm-il darba ma jkunx permess xort'oħra mill-Kontrullur) jiġu trasferiti ġewwa l-Port Ħieles fi żmien sebat ijiem tax-xogħol minn meta jkunu ġew żbarkati;

(b) jippermetti t-transitu ta' l-oġġetti kollha ddestinati għall-esportazzjoni minn Port Ħieles għal xi port jew ajruport f'Malta mingħajr il-ħlas tad-dazju tad-dwana fuqhom: iżda l-imsemmija oġġetti għandhom (kemm-il darba ma jkunx permess xort'oħra mill-Kontrullur) jiġu mgħobbija fuq bastiment jew inġenju ta' l-ajru fi żmien sebat ijiem tax-xogħol minn meta jkun ħarġu minn Port Ħieles.

(6) Kull meta xi oġġetti li jkunu daħlu f'Port Ħieles ħielsa mid-dazju tad-dwana skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jiġu trasferiti minn ġo Port Ħieles u jibqgħu f'Malta xort'oħra milli għall-għan maħsub fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu jew, jekk ikunu proprjetà ta' l-Awtorità, biex jintużaw mill-Awtorità skond id-dmirijiet jew funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att 'il barra minn Port Ħieles, dawk l-oġġetti għandhom, minnufih malli jiġu hekk trasferiti, jitqiesu li jkunu ġew importati f'Malta u jkunu suġġetti għall-ħlas tad-dazju tad-dwana skond id-dispożizzjonijiet relattivi ta' l-Att ta' l-1976 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni fejn ikun japplika:

Iżda fil-każ ta' xi oġġetti li jkunu ġew proċessati f'Port Ħieles u li jkunu jikkwalifikaw għal ċertifikar bħala li jkunu ġew magħmula f'Malta skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 10 ta' dan l-Att, ix-xorta ta' l-oġġetti, il-valur u l-kwantità li jkunu jridu jitqiesu fl-iffissar tad-dazju tad-dwana għandhom, fuq it-talba tal-persuna li għandha tħallas id-dazju, ikunu dawk li kienu jittieħdu f'konsiderazzjoni kieku l-oġġetti ma kienux ġew proċessati kif intqal qabel.

(7) Meta d-dazju tad-dwana jkun tħallas dwar xi oġġetti ma' l-importazzjoni tagħhom f'Malta, ebda talba għal ħlas lura ta' dak id-dazju ma għandha ssir minħabba biss li dawk l-oġġetti jiġu aktar tard trasferiti ġewwa Port Ħieles.

(8) Il-liġijiet dwar is-sisa ma għandhomx japplikaw għal xi oġġetti prodotti f'Port Ħieles kemm-il darba dawk l-oġġetti ma jkunux ġew imdaħħla biex jiġu kkunsmati f'Malta 'l barra minn Port Ħieles.

Protezzjoni għad-dazji tad-dwana u tas-sisa.

17. (1) L-Awtorità għandha:

(a) tassigura illi kull Port Ħieles ikun mgħammar b'sistemi adegwati ta' kontroll biex ma titħalliex issir evażjoni mid-dazji tad-dwana u tas-sisa li jkunu jridu jitħallsu lill-Gvern ħlief għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

(b) tassigura li kull area dikjarata bħala Port Ħieles skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att tkun magħluqa kif għandu jkun; u

(ċ) tistabbilixxi l-punti ta' dħul u ħruġ tiegħu,

u f'kull materja bħal dik l-Awtorità għandha tikkonforma mal-ħtiġiet kollha tal-Kontrullur dwarhom, kemm-il darba l-Prim Ministru ma jordnax xort'oħra.

(2) Il-persuni kollha li jidħlu f'Port Ħieles minn kull post f'Malta 'il barra minn żona ta' Port Ħieles jew iħallu Port Ħieles ħlief għal destinazzjoni barra minn Malta b'xi oġġetti għandhom iwieġbu dawk il-mistoqsijiet li l-Kontrullur jista' jagħmlilhom għar-rigward ta' l-oġġetti msemmija u għandhom, jekk ikunu mitluba mill-Kontrullur, jippreżentaw dawk l-oġġetti biex jiġu eżaminati f'dak il-post li l-Kontrullur jista' jordna.

(3) Fil-ħin li vettura tkun dieħla jew ħierġa minn Port Ħieles, il-Kontrullur jista' jitla' fuq il-vettura u jagħmel tfittxija f'kull parti tagħha.

(4) L-Awtorità ma għandha tħalli lil ħadd jirrisjedi ġewwa Port Ħieles.

(5) L-Awtorità tista' tiċħad dħul għal Port Ħieles lil kull persuna li ma tipprovdix dawk il-garanziji li jkun jidhrilha meħtieġa dwar l-applikazzjoni kif imiss ta' xi regoli, regolamenti jew ordnijiet dwaru.

(6) Kull kumpannija b'liċenza għandha tagħmel disponibbli lill-Awtorità dawk ir-*records* bil-miktub li jkollhom x'jaqsmu ma' l-oġġetti li tkun qed timporta jew li tkun sejra timporta f'Port Ħieles skond kif ikun meħtieġ għall-identifikazzjoni tax-xorta, kwantità u pajjiż ta' oriġini, konsenja u destinazzjoni tagħhom, liema *records* għandhom ikunu disponibbli biex jiġu spezzjonati mill-Kontrullur.

(7) Il-Ministru jista', bil-parir ta' l-Awtorità, b'regolamenti ppubblikati fil-Gazzetta, jagħmel provvedimenti għar-rigward tad-dħul ta' oġġetti fi u l-ġarr ta' oġġetti minn Port Ħieles, u ż-żamma, protezzjoni u t-trattament ta' oġġetti li jkunu ġewwa Port Ħieles.

(8) Bla ħsara għall-ġeneralità tas-subartikolu (7) ta' dan l-artikolu, ir-regolamenti li jsiru taħtu jistgħu jagħmlu provvediment —

(a) biex titħalla ssir id-distruzzjoni ta' oġġetti f'Port Ħieles mingħajr il-ħlas ta' dazji tad-dwana u tas-sisa, f'dawk iċ-ċirkostanzi u suġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Awtorità tista' tistabbilixxi;

(b) li jitlob li operazzjonijiet speċifikati ġewwa Port Ħieles għandhom isiru b'dak il-mod u suġġett għal dawk ir-restrizzjonijiet li jistgħu jiġu imposti bi jew taħt ir-regolamenti;

(ċ) li jistabbilixxi l-piena li tista' tingħata minn xi qorti f'każ ta' nuqqas ta' tħaris ta' xi kondizzjonijiet jew restrizzjonijiet imposti bis-saħħa tal-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu: iżda dik il-piena ma għandhiex tkun iżjed minn multa ta' Lm5,000 flimkien mal-konfiska ta' l-oġġetti li għalihom jirreferi r-reat;

(d) li jispeċifika l-informazzjoni li għandha tingħata lill-Awtorità dwar oġġetti importati f'Port Ħieles u l-forma li fiha, il-persuni li minnhom, u ż-żmien li fih, għandha tingħata dik l-informazzjoni.

Eżenzjoni mit-taxxa fuq l-*income*.

18. (1) Kumpannija b'liċenza tkun eżenti mill-ħlas tat-taxxa fuq l-*income* fuq il-qligħ jew profitti li hija tikseb minn kummerċ jew negozju mmexxija f'Port Ħieles skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 11 ta' dan l-Att.

Kap. 123.

(2) Għall-finijiet ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, l-*income* jew parti minnu ta' xi kumpannija għal xi sena ta' stima li dwaru topera l-eżenzjoni mit-taxxa fuq l-*income* taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jiġi kkalkulat b'dak il-mod li hemm muri fl-imsemmi Att u skond id-dispożizzjonijiet tiegħu: iżda d-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* jinqabżu jew jiġu sostitwiti kif ikun meħtieġ bid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(3) Imgħax u *royalties* imħallsa minn kumpannija b'liċenza għar-rigward ta' jew f'konnessjoni ma' operazzjonijiet jew transazzjonijiet eżenti mit-taxxa fuq l-*income* taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jkunu wkoll eżenti mit-taxxa fuq l-*income*: iżda dik l-eżenzjoni ma tkunx tapplika meta imgħax jew *royalties* jitħallsu lil persuna li tkun ordinarjament residenti jew domiċiljata f'Malta.

Dividendi ħielsa mit-taxxa.

19. (1) Id-dividendi kollha (jew parti minnhom) imqassmin minn kumpannija b'liċenza mill-qligħ jew profitti, jew parti minnhom, li, taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, ikunu ġew meħlusa mill-ħlas tat-taxxa fuq l-*income*, ikunu eżenti mit-taxxa fuq l-*income* f'idejn il-membri tal-kumpannija li jirċievu dik il-kontribuzzjoni:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma għandhomx japplikaw għal dividend imqassam lil persuna li tkun ordinarjament residenti jew domiċiljata f'Malta.

(2) Meta dividend li għalih japplika s-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jitqassam lil membru li jkun ukoll kumpannija (f'dan is-subartikolu msemmija bħala "it-tieni kumpannija"), l-imsemmi dividend ikun xorta waħda jista' jitqassam mit-tieni kumpannija lill-membri tagħha stess f'għamla ta' dividendi eżenti mit-taxxa fuq l-*income* f'idejn min jirċevihom, u meta membru tat-tieni kumpannija jkun ukoll kumpannija, id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan is-subartikolu jkunu japplikaw *mutatis mutandis* daqs li kieku riferenzi għall-ewwel kumpannija kienu riferenzi għal dak il-membru, u l-prinċipju msemmi f'dan is-subartikolu għandu jkompli jiġi applikat għal dak iż-żmien kollu li l-qligħ u l-profitti jew parti minnhom li għalihom japplika dan l-artikolu jiġu mqassma bħala dividendi:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma jibqgħux japplikaw meta dividend jitqassam lil persuna li tkun ordinarjament residenti jew domiċiljata f'Malta.

Eżenzjoni mit-taxxa tal-boll. Att XXXI ta' l-1981.

20. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1981 dwar it-Taxxa fuq Dokumenti, ebda taxxa ma titħallas taħthom għar-rigward ta':

(a) l-allokazzjoni ta' xi azzjonijiet jew *stock* maħruġa ġodda ta' kumpannija b'liċenza;

(b) ix-xiri, trasferiment, assenjazzjoni jew in-negozjar ta' xi azzjoni jew *stock* ta' dik il-kumpannija;

(ċ) ix-xiri, bejgħ jew trasferiment ieħor ta' xi attiv minn kumpannija b'liċenza jew mill-Awtorità, li ma jkunx bejgħ jew trasferiment ieħor lil persuna domiċiljata jew ordinarjament residenti f'Malta kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx l-Awtorità jew kumpannija oħra b'liċenza;

(d) it-trasferiment ta' xi ipoteka, *mortgage,* jew piż ieħor fuq xi attiv ta' kumpannija b'liċenza jew ta' l-Awtorità;

(e) valutazzjonijiet magħmula għal kumpannija b'liċenza jew għall-Awtorità;

(f) riċevuti mogħtija minn kumpannija b'liċenza jew mill-Awtorità;

(ġ) xi applikazzjoni li tiġi preżentata minn kumpannija b'liċenza jew mill-Awtorità;

(ħ) poloz ta' l-assigurazzjoni maħruġa favur kumpannija b'liċenza jew favur l-Awtorità.

Eżenzjoni mill-kontroll fuq il-kambju.

Att XLIX ta' l-1972.

21. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, kumpanniji b'liċenza jkunu eżenti mid-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1972 dwar il-Kontroll fuq il-Kambju, sal-grad li dik l-eżenzjoni tassigura:

(a) trasferimenti liberi u bla restrizzjoni ta' kambju barrani minn kumpanniji b'liċenza;

(b) li ma jiġu ffissati ebda limiti dwar iż-żamma ta' azzjonijiet f'kumpanniji b'liċenza minn persuni mhux residenti f'Malta;

(ċ) ripatrijazzjoni bla restrizzjoni ta' dividendi mħallsin minn kumpanniji b'liċenza meta d-dividendi jkunu eżenti mit-taxxa fuq l-*income* skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 19 ta' dan l-Att;

(d) trasferimenti liberi ta' azzjonijiet f'kumpanniji b'liċenza;

(e) ripatrijazzjoni bla restrizzjoni tad-dħul mil-likwidazzjoni ta' kumpanniji b'liċenza;

(f) dritt għal amministrazzjoni libera minn kumpanniji b'liċenza tal-flus barranin tagħhom; u

(ġ) ir-ripatrijazzjoni bla restrizzjoni ta' xi somma dovuta bħala pagi jew salarji lil impjegati barranin imsemmija fl-artikolu 22 ta' dan l-Att:

Iżda dawk l-eżenzjonijiet ma għandhomx japplikaw (ħlief għal transazzjonijiet bankarji normali) għar-rigward ta' transazzjonijiet u operazzjonijiet magħmula ma' persuni residenti f'Malta.

(2) L-eżenzjonijiet mogħtija bis-saħħa ta' dan l-artikolu jkunu biss dovuti lil kumpanniji b'liċenza li fihom ċittadini Maltin (inklużi kumpanniji) ikunu intitolati għal anqas minn erbgħin fil-mija tal-valur nominali tal-kapital azzjonarju maħruġ, esklużа kull parti tiegħu li, la f'dawk li huma dividendi u lanqas f'dak li huwa kapital, ikollha xi dritt għal parteċipazzjoni f'xi tqassim ta' profitti li jkunu akbar minn ammont speċifikat.

.Impjegati barranin.

Att IX ta' l-1970.

22. (1) L-Awtorità tista' tiċċertifika li individwu li ma jkunx persuna eżenti taħt l-Att ta' l-1970 dwar l-Immigrazzjoni jikkontribwixxi, jekk jingħata liċenza taħt l-imsemmi Att biex jimpjega ruħu ma' kumpannija b'liċenza jew ma' l-Awtorità, permezz tal-ħila u l-esperjenza teknika jew amministrattiva tiegħu, għat-twaqqif, żvilupp, manutenzjoni, operazzjoni, direzzjoni, kontroll u priservazzjoni kif imiss u b'mod li jirrendi ta' Port Ħieles jew ta' l-Awtorità, u ta' l-operazzjonijiet tagħhom.

(2) Meta, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1970 dwar l-Immigrazzjoni, individwu li ma jkunx domiċiljat f'Malta jew li, jekk hekk domiċiljat, ma jkunx ordinarjament residenti f'Malta, ikun impjegat ma' kumpannija b'liċenza jew ma' l-Awtorità, it-taxxa fuq l-*income* fuq l-*income* taxxabbli ta' dak l-individwu tkun dovuta bir-rati

maħsuba bl-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income,* hekk illi kull rata ta' taxxa ta' aktar minn 30 ċenteżmu fuq kull lira Maltija tiġi mnaqqsa għal 30 ċenteżmu.

(3) Individwi msemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu li jkunu mpjegati ma' kumpannija b'liċenza jew ma' l-Awtorità, u dik il-kumpannija b'liċenza u l-Awtorità għar-rigward ta' dawk l-individwi, ikunu intitolati għal eżenzjoni mid-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali u ta' xi liġi li tissostitwixxi dik il-liġi. Att X ta' l-1987.

(4) L-oġġetti personali wżati, inkluża *motor car* waħda adattata għall-użu tal-familja, ta' xi individwu msemmi fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, importati f'Malta mhux aktar tard minn sitt xhur wara li jkun beda jirrisjedi f'Malta, jistgħu jiġu hekk importati ħielsa mid-dazju tad-dwana:

Iżda dak id-dazju jkun irid jitħallas fuq kull ħaġa importata ħielsa mid-dazju taħt dan is-subartikolu jekk u meta dik il-ħaġa tinbiegħ, tiġi assenjata jew xort'oħra trasferita lil persuna residenti f'Malta.

Eżenzjoni mit-taxxa tal-mewt u tad-donazzjoni. Att XLVII ta' l-1973.

23. (1) Minkejja kull ħaġa li tinsab fl-Att ta' l-1973 dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni, ebda taxxa ma titħallas taħt dak l-Att dwar xi interess f'kumpannija b'liċenza li persuna tkun tipposjedi meta —

(a) dak l-interess ikun kompriż fi trasmissjoni taxxabbli taħt l-imsemmi Att, u

(b) is-sid ta' qabel ta' dak l-interess qabel il-ġrajja tat-trasmissjoni taxxabbli u s-sid il-ġdid wara l-ġrajja tat-trasmissjoni jkunu t-tnejn persuni mhux domiċiljati f'Malta, u

(ċ) l-interess ikun interess li għalih japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu japplikaw għal interess f'kumpannija b'liċenza li jkun —

(a) xi azzjoni fi jew obbligazzjoni ta' dik il-kumpannija;

(b) xi dividend imqassam jew dovut li jitqassam mill-imsemmija kumpannija;

(ċ) xi flus mislufa jew avvanzati lill-kumpannija, u kull kreditu ieħor ikun li jkun, irrispettivament mill-mod li bih is-self jew l-avvanz ikun sar jew irriżulta, u l-garanzija mogħtija għal hekk;

(d) xi imgħax fuq flus jew *income* ieħor imħallas jew dovut li jitħallas mill-kumpannija qabel il-ġrajja tat-trasmissjoni taxxabbli.

Regola ġenerali dwar l-eżenzjonijiet.

24. L-eżenzjonijiet maħsuba b'din it-Taqsima għandhom japplikaw biss għal transazzjonijiet u operazzjonijiet li jkunu rilevanti għall-għanijiet li għalihom l-Awtorità ġiet maħtura skond id-

dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5, jew li għalihom kumpannija tkun jew għad tkun mogħtija liċenza skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 11 ta' dan l-Att.

TAQSIMA VI

Arranġamenti Amministrattivi

Records u ċertifikar.

25. (1) Ebda eżenzjoni jew benefiċċju ieħor li jistgħu jingħataw jew jinkisbu taħt dan l-Att ma jistgħu hekk jingħataw jew jinkisbu, u ebda jedd għalihom ma jkun jeżisti minkejja kull ħaġa li tinsab f'dan l-Att ħlief jekk:

(a) *records* u kontijiet sewwa u sufiċjenti, magħduda dokumentazzjoni xierqa li ssaħħaħ l-istess ikunu ġew miżmuma għall-perijodu relattiv, mill-kumpannija b'liċenza li jkollha x'taqsam;

(b) ikunu inżammu kontijiet separati kif ikun meħtieġ biex tiġi identifikata u kwantifikata l-eżenzjoni jew benefiċċju;

(ċ) dawk il-kalkoli, prospetti, dikjarazzjonijiet, partikolaritajiet jew dokumenti skond kif ikun meħtieġ biex jiġi stabbilit b'mod ċar id-dritt għal eżenzjoni jew benefiċċju jiġu preżentati kif imiss magħduda l-preżentazzjoni tagħhom lill-Awtorità.

(2) Ebda talba, dikjarazzjoni, kont jew dokument, ikunu xi jkunu, li b'xi mod ikunu konnessi mad-dritt jew dritt preżunt għal xi eżenzjoni jew benefiċċju maħsub taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ma jiġu kkunsidrati jew jittieħdu f'konsiderazzjoni kemm-il darba ma jkunux ġew ċertifikati minn *accountant* u uditur pubbliku ċertifikat l-istess bħalma l-karta tal-bilanċ u l-kont ta' qligħ u telf ta' kumpannija għandhom jiġu ċċertifikati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali, u għall-finijiet ta' dan is-subartikolu għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 141 ta' l-imsemmija Ordinanza.

Informazzjoni meħtieġa mill-Awtorità.

26. Kull kumpannija b'liċenza jew persuna oħra li turi jew li tkun qed tfittex li tikseb jew tgawdi xi eżenzjoni jew benefiċċju ieħor taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew li tkun kisbet dik l-eżenzjoni jew benefiċċju ieħor, għandha —

(a) tagħti lill-Awtorità u lil kull awtorità oħra dik l-informazzjoni, dawk il-kontijiet, dikjarazzjonijiet u dokumenti oħra li l-Awtorità jew dik l-awtorità oħra jistgħu iqisu meħtieġa għall-finijiet ta' dan l-Att;

(b) tattendi jew tibgħat rappreżentant biex jattendi quddiem l-Awtorità jew awtorità oħra u twieġeb għal kull mistoqsija legalment magħmula f'dik il-konessjoni;

(ċ) tipprovdi lill-Awtorità jew awtorità oħra b'aċċess raġonevoli għall-fondi, postijiet, kotba u dokumenti oħra kollha, u tħalli li jsiru kopji tagħhom.

Garanzija ta' eżenzjonijiet u benefiċċji.

27. (1) Meta kumpannija b'liċenza jew l-uffiċjali jew impjegati tagħha jingħataw jew isiru intitolati għal eżenzjoni jew benefiċċju ieħor skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, għandu jitqies li jkun tnissel kuntratt bejn il-kumpannija jew l-uffiċjali jew impjegati tagħha u l-Gvern, jew l-Awtorità, skond il-każ, li jiggarantixxi għal żmien ħmistax-il sena mill-għoti tal-liċenza relattiva, l-għoti u t-tgawdija ta' l-eżenzjoni relattiva jew benefiċċju ieħor skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) Meta xi eżenzjoni jew benefiċċju ieħor ma jkunux dovuti bħala dritt taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att lil xi benefiċjarju, iżda jkunu jiddependu mill-użu ta' diskrezzjoni vestita f'xi persuna jew awtorità, l-użu minn dik il-persuna jew awtorità tad-diskrezzjoni hekk vestita fiha favur benefiċjarju għandu jikkostitwixxi kuntratt bejn il-benefiċjarju u l-Gvern, jew l-Awtorità, skond il-każ, li jiggarantixxi għal żmien ħmistax-il sena mill-użu ta' dik id-diskrezzjoni, l-għoti u t-tgawdija ta' l-eżenzjoni jew benefiċċju ieħor skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(3) Il-garanziji mogħtija b'dan l-artikolu għandhom japplikaw ukoll kontra azzjoni retrospettiva, sew jekk b'leġislazzjoni jew xort'oħra, li tista' tannulla xi jeddijiet, eżenzjonijiet jew privileġġi hekk garantiti.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' kontroll u regolatorji stipulati f'dan l-Att.

(5) Kumpannija b'liċenza jew benefiċjarju ieħor jistgħu, f'kull żmien, b'avviż bil-miktub, jagħżlu li ma jingħatawx jew li ma jieħdux xi inċentiv jew benefiċċju li altrimenti jkun dovut lilha jew lilu taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att. Dak l-avviż għandu jispeċifika d-data li minnha tibda taħdem l-għażla, liema data invarjabbilment tkun l-ewwel jum ta' sena, jew ta' sena ta' stima jew ta' xi perijodu ieħor finanzjarju, u jkun irrevokabbli u indefinit għar-rigward tal-materji li dwarhom ikun sar.

Taħsir minħabba f'nuqqas ta' tħaris

28. (1) Meta kumpannija b'liċenza tonqos li tħares jew tara li tiġi mħarsa xi waħda mill-kondizzjonijiet marbuta ma' l-għoti ta' xi eżenzjoni jew benefiċċju ieħor taħt dan l-Att jew tmexxi attivitajiet li jkunu inkonsistenti ma' Port Ħieles, l-Awtorità tista' jew tħassar l-għoti ta' l-eżenzjoni jew bnenefiċċju ieħor jew b'avviż bil-miktub titlob lil dik il-kumpannija fi żmien tletin ġurnata minn dik l-avviż:

(a) li tħares jew tara li jiġu mħarsa dawk il-kondizzjonijiet, jew li ttemm kull attività li ma tkunx konsistenti ma' l-għanijiet ta' Port Ħieles; jew

(b) li turi għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità li n-nuqqas tagħha li tħares jew li tara li jiġu mħarsa dawk il-kondizzjonijiet kien dovut għal xi raġuni mhux fil-kontroll tagħha u li hemm prospetti attwali li tħares jew li tara li jiġu mħarsa dawk il-kondizzjonijiet, f'dak iż-żmien li l-Awtorità jidhrilha xieraq.

(2) Meta kumpannija turi għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità li n-nuqqas tagħha ta' tħaris jew li tara li tiġi mħarsa xi kondizzjoni marbuta ma' l-għoti ta' xi inċentiv jew benefiċċju taħt dan l-Att kien dovut għal xi raġuni mhux fil-kontroll tagħha, u li hemm prospetti attwali li tħares jew li tara li tiġi mħarsa dik il-kondizzjoni fi żmien raġonevoli, l-Awtorità tista' tawtorizza proroga raġonevoli għall-finijiet ta' tħaris ta' dik il-kondizzjoni, kif jidhrilha xieraq.

(3) Meta kumpannija b'liċenza:

(a) tkun ġiet mitluba biex tagħmel hekk b'avviż taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, tonqos li turi għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità li n-nuqqas tagħha li tħares jew li tara li tiġi mħarsa xi kondizzjoni marbuta ma' l-għoti ta' xi eżenzjoni jew benefiċċju ieħor kien dovut għal xi raġuni mhux fil-kontroll tagħha u li hemm prospetti attwali li tħares jew li tara li tiġi mħarsa dik il-kondizzjoni fi żmien raġonevoli; jew

(b) tkun ġiet mogħtija proroga skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, tonqos fi żmien il-perijodu ta' dik il-proroga li tħares jew li tara li tiġi mħarsa dik il-kondizzjoni,

l-Awtorità tista' tħassar kull eżenzjoni jew benefiċċju ieħor mogħtija lill-kumpannija skond dan l-Att, u dak it-tħasir jibda jgħodd minn dik id-data li tiġi stabbilità mill-Awtorità.

(4) Meta l-għoti ta' xi eżenzjoni jew benefiċċju ieħor lil kumpannija b'liċenza taħt dan l-Att jiġi mħassar skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dik il-kumpannija għandha tħallas lill-Gvern jew lill-Awtorità, skond il-każ, kull somma li kien ikollha tħallas lill-Gvern jew lill-Awtorità kieku ma kienx għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

Proċedura dwar kwistjonijiet.

29. (1) L-Awtorità ma għandhiex:

(a) tħassar xi liċenza mogħtija taħt l-artikolu 11 ta' dan l-Att; jew

(b) tħassar xi għoti jew eżenzjoni jew benefiċċju ieħor taħt dan l-Att,

ħlief jekk il-kumpannija kkonċernata:—

(a) tkun ġiet avżata bil-miktub dwar l-azzjoni li l-Awtorità jkun fi ħsiebha tieħu; u

(b) tkun ingħatat l-opportunità għal smiegħ quddiem l-Awtorità.

(2) Kull kwistjoni li jkollha x'taqsam ma' l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' xi ftehim taħt dan l-Att jew id-drittijiet ta' xi parti taħt dan l-Att jew l-eżerċizzju mill-Awtorità ta' xi setgħa vestita fiha b'dan l-Att (ħlief għall-materji maħsubin fl-artikoli 8, 9, 10, 11 u 14) għandha, kemm-il darba l-partijiet ma jiftiehmux xort'oħra, tiġi riferita għal arbitraġġ u deċiżjoni lill-Bord ta' Appelli mwaqqaf taħt l-artikolu 28 ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Iżvilupp Industrijali:

Att XXI ta' l-1988.

Iżda ebda appell ma jista' jsir minn xi deċiżjoni magħmula mill-imsemmi Bord:

Iżda wkoll il-proċedimenti quddiem il-Bord għandhom ikunu regolati, *mutatis mutandis,* daqslikieku riferenza taħt dan l-artikolu kienet appell ippreżentat lill-Bord taħt l-imsemmi Att.

(3) Ħlief għall-fini jew fl-eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija in segwitu ta' xi proċess imsemmi fis-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, ebda proprjetà ta' kull għamla li tkun tappartjeni lil kumpannija b'liċenza ma għandha tkun suġġetta għal xi att prekawzjonarju jew esekuttiv jew mandat kif hemm imsemmi fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

(4) Ebda direttur jew uffiċċjal ieħor ta' xi kumpannija b'liċenza, u ebda persuna li tkun membru jew li jkollha interess f'dik il-kumpannija, ma jkunu suġġetti għal xi att prekawzjonarju jew esekuttiv jew mandat kif imsemmi hawn fuq dwar xi obbligu jew responsabbilità oħra tal-kumpannija.

(5) Il-proċess imsemmi fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu huwa jew —

(a) proċess biex jiġi nfurzat obbligu jew reponsabbilità oħra tal-kumpannija; jew

(b) proċess biex tiġi meħuda lura xi proprjetà akkwistata jew miżmuma mill-kumpannija, jew li mod ieħor tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll tagħha, u li toriġina minn xi transazzjoni, operazzjoni jew attività msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 12 ta' dan l-Att.

(6) Minkejja d-dispożizzjoniiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, ebda mandat jew att ieħor ma għandu jinħareġ mill-qorti kemm-il darba l-applikant ma jkunx l-ewwel issodisfa lill-qorti illi l-mandat jew att ieħor jistgħu jinħarġu taħt dan l-artikolu.

30. (1) Il-Ministru jista' minn żmien għal ieħor jagħmel regolamenti b'mod ġenerali sabiex jitmexxew u jitqiegħdu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u jista', b'mod speċjali, b'dawk ir-regolamenti jippreskrivi għal kull materja li b'dan l-Att hija awtorizzata li tiġi preskritta. Setgħa biex isiru regolamenti.

(2) Ir-regolamenti li jsiru mill-Ministru jew ir-regoli li jsiru mill-Awtorità, skond il-każ, taħt xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jistgħu isiru fl-ilsien Ingliż biss.

TAQSIMA VII

Reati u Pieni

31. Kull persuna li mingħajr raġuni xierqa tagħmel xi dikjarazzjoni mhux korretta jew tagħti xi informazzjoni mhux korretta dwar xi materja jew ħaġa li taqa' taħt dan l-Att, tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinsab ħatja multa ta' mhux inqas minn Lm500 u mhux iżjed minn Lm5,000. Piena għal dikjarazzjonijiet. eċċ. mhux korretti.

Dispożizzjonijiet dwar frodi eċċ.

32. Kull persuna li xjentement u bil-ħsieb li tikseb xi inċentiv jew benefiċċju taħt dan l-Att jew li tgħin lil xi persuna oħra biex tagħmel dan —

(a) tħalli barra minn prospett jew minn xi dokument jew dikjarazzjoni oħra, ippreparati jew preżentati għall-finijiet ta', jew taħt, dan l-Att, xi dettall li kellu jidħol fihom; jew

(b) tagħmel xi dikjarazzjoni falza jew inseriment falz f'xi prospett jew dokument jew dikjarazzjoni oħra, ippreparati jew preżentati għall-finijiet ta', jew taħt, dan l-Att; jew

(ċ) tagħti xi tweġiba falza, sew verbalment jew bil-miktub, għal xi mistoqsija jew talba għal tagħrif li jsirulha skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att; jew

(d) tipprepara jew iżżomm jew tawtorizza l-preparazzjoni jew iż-żamma ta' xi kotba tal-kontijiet foloz jew ta' *records* oħra foloz jew tawtorizza l-flasifikazzjoni ta' xi kotba tal-kontijiet jew *records;* jew

(e) tagħmel użu minn xi frodi, tidwir jew mezz ieħor ta' qerq li jkun, jew tawtorizza l-użu ta' xi frodi, tidwir jew mezz ieħor ta' qerq bħal dak,

tkun ħatja ta' reat, u għal kull reat teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux anqas minn Lm1,000 u mhux iżjed minn Lm10,000 jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Piena ġenerali.

33. Jekk xi persuna tikser jew tonqos li tħares xi ħtieġa ta' dan l-Att jew ta' xi regolament li jsir taħtu, li dwaru ma ġiet provduta ebda piena speċjali, dik il-persuna tkun ħatja ta' reat u għal kull reat bħal dak teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux anqas minn Lm100 u mhux iżjed minn Lm500.

Dispożizzjoni dwar reati.

34. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att li jistabbilixxu reati u pieni dwaru ma jolqtux it-tħaddim ta' xi liġi oħra li tistabbilixxi reati u pieni dwar l-istess atti jew ommissjonijiet u ma għandhomx, b'mod partikolari, jolqtu l-applikazzjoni ta' xi piena akbar taħt xi liġi oħra.

Preskrizzjoni għal proċedimenti.

35. Proċedimenti għal reat taħt dan l-Att jistgħu jinbdew f'kull żmien sa ħames snin mid-data tat-twettiq tar-reat.

(Artikolu 3)

SKEDA



Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 277 tal-25 ta' Lulju, 1989.

LAWRENCE GONZI
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati